MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 283/2001/1

**Computime Limited**

**v.**

**Power Point Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Frar 2001, is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-

ammont ta’ elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (LM1,227.52) rapprezentanti ammont dovut ghall-servizzi rezi u merkanzija provduta, fuq talba ta' l-istess socjeta` konvenuta (Dok. ‘A’, Invoice numru H009); illi avolja interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (LM1,227.52) rapprezentanti ammont dovut ghall-servizzi rezi u merkanzija provduta, fuq talba tal-istess socjeta` konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Awissu, 2000 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 4065/2000 bl-interessi legali mid-data tal-fattura rispettiva hawn annessa kontra s-socjeta` konvenuta li hi sa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-20 ta’ Marzu 2001, is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi preliminarjament, ghandu jinghad illi r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet kienet wahda ta’ bejgh u mhux tip ta’ appalt jew esekuzzjoni ta’ xi inkarigu;

2. Illi, subordinatament imma dejjem in via preliminari, l-azzjoni attrici hi preskritta bi preskrizzjoni ta’ tmintax-il (18) xahar ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili – Kap 16 tal-Ligijiet.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju,il-hlas ghas-servizzi reklamati huwa ukoll preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (sic) bi preskrizzjoni ta’ tmintax-il (18) xahar.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta bil-preskrizzjoni ta’ sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 2149(b) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili. (sic)

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, iddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-13 ta' Ottubru 2004, meta laqghet it-tieni eccezzjoni u dik ulterjuri tal-konvenuti u ddikjarat preskritta l-azzjoni attrici u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Illi l-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(b) u l-artikolu 2149(a) – permezz ta' ecezzjonijiet prezentati ulterjorment kif ukoll tal-artikolu 2148(a) u 2149(b) tal-Kodici Civili. Ta' l-ewwel jghid hekk;

*"Azzjonijiet tal-kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut,* (jaqghu bil-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar)

"L-artikolu 2149(a) japplika l-preskrizzjoni ta' sentejn ghal *azzjonijiet ta' kuntratturi ta' bini ….jew materjal iehor* waqt li l-artikolu 2149(b) japplika l-istess preskrizzjoni ghall-azzjonijiet ta' tobba u professjonijiet affini – il-Qorti ma tistax tifhem l-applikabilita` ta din l-eccezzjon, kif lanqas tifhem kif tinkwadra l-artikolu 2148(a) li tapplika ghall-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz ta' opri jew tax-xogholijiet taghhom jew ghall-materjal li jfornu.

"Ghandu jinghad li kif intqal min din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine (1 ta' Lulju 1997);

*"Kien dejjem kostantement ritenut fid-dottrina li giet ukoll segwita mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi dan l-istitut ghandu jigi ritenut bl-aktar mod restrittiv u li fil-kamp civili il-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni moghtija a bazi tal-preskrizzjoni la b'mod generiku u lanqas billi tapplika artikolu tal-Ligi b'analogija ma artikolu iehor.*

"Ghalhekk fil-fehema tal-Qorti dawn l-ahhar zewg sub-artikoli imsemmija certament mhux applikabbli.

“Ghal ragunijiet cari il-partijiet ma jaqblux x’tip ta’ negozju guridiku ghadda bejn il-kontendenti. Il-konvenut isostni li kien semplici bejgh bl-imnut u kwindi preskritta wara tmintax il-xahar; l-atturi jsostnu li billi huma ma bieghux biss izda stallaw l-apparat in kwistjoni, il-perjodu preskrittiv applikabbli hu dak ta’ hames snin skond l-artikolu 2156 fejn japplika dan il-perjodu ghall-azzjonijiet ta’ natura kummercjali li ma jkunux waqghu taht l-artikoli l-ohra. L-atturi m’humiex jghidu li hu bejgh bl-ingrossa (ghalkemm dan xorta preskritt wara hames snin) izda li n-negozju guridiku bejn il-partijiet kien wiehed *sui generis*. Dan ghaliex ma tistax tghid li kien bejgh bl-ingrossa ghaliex inbigh computer wiehed biss (Dok A) u anke jekk strettament il-kwantita` m’hijiex l-uniku kriterju ghad-distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta’ bejgh, wiehed ma jistax jara li bejgh ta’oggett wiehed, jiswa’ kemm jiswa’, jista’ jkun bejgh bl-ingrossa.

“Il-Qorti tifhem li billi si tratta ta’ operazzjoni kummercjali li tirrigwarda tekologija moderna, wiehed ma hux se jsib fil-Kodici taghna artikolu specifiku fir-rigward ghaliex il-legislazzjoni imsemmija saret fi zmien li tali teknologija lanqas biss ma kienet fl-ambitu tal-fantaxjenza. Wiehed ghandu certament jinvestiga x’tip ta’ negozju kien biex jasal ghall-konkluzzjoni gusta u skond il-ligi.

“Hu naturali li meta persuna takkwista computer, tistenna li dan jigi installat, sakemm ma jsirx bejgh lil xi hadd li jikkumercja fihom u allura dawn ikunu ghall-bejgh. F’dak il-kaz normalment ix-xerrej li jkun se jbigh mill-gdid ikollu xi ftit stallati ghal-wiri biex jekk ikun hemm xi had interessat ikun jista’ jurih kif jiffunzjona. Dan il-kaz kien ftit differenti minn bejgh semplici lill-konsumatur ghaliex l-istallazzjoni kienet ta’ certa entita`. Infatti fil-kaz in ezami l-kont rilaxxjat mis-socjeta` attrici kien ta’ LM970 ghall-computer l-accessorji u LM252 ghall-istallazzjoni. Il-Qorti pero` ma tara ebda diffikulta li tiddefinixxi l-kuntratt mhux wiehed *sui generis* izda wiehed li jinkorpora zewg kuntratti – wiehed ta’ bejgh u l-iehor ta’ appalt. Kif jidher car iz-zewg azzjonijiet huma preskritti.

“Jibqa’ l-kwistjoni dwar jekk ghandux japplika l-artikolu 2160 billi l-konvenut Joseph Mizzi xehed f’dawn il-proceduri. L-artikolu msemmi jghid:

*“Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m’humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

"Il-konvenut Mizzi xehed hekk;

*“Qieghed nigi muri d-dokument li jinsab f’pagna 5 tal-process. Jiena b’riferenza ghal dan id-dokument nghid illi jekk hallast dan il-kont ma niftakarx peress illi ilu xi erbgha snin imma u ghalhekk hija iebsa li niftakar u fit-tieni lok mir-records tal-kumpannija ma jirrizultalhiex li dak huwa dovut minnha.* (fol 37).

“Bir-rispett kollu, l-argumenti tal-atturi, li l-fatt li l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni qieghed jaccetta li d-dejn jezisti ma hux argument legali li gandu sahha. Il-preskrizzjoni m’hijiex negazzjoni tal-kreditu izda eccezzjoni li l-azzjoni biex dak il-kreditu jigi kanonizzat ikun skadielha z-zmien biex tigi prezentata. Il-preskrizzjoni hija mezz biex il-kwestjonijiet u vertenzi ma jibqghux ghal dejjem. Kif jispjega l-gurista Trabucchi (Commentario Breve Codice Civle [agna 2767);

*“La prescrizione e’ definta come un modo di estinzione dei diritti il cui fondamento e’ ricondotto da taluno all’ idea di rinuncia tacita del titolare, da altri all’interesse publico ad eliminare il contrasto tra situazione di fatto e situazione di diritto da altri infine al’esigenza di assicurare la certezza neo rapporti giuridici secondo una prospettiva che non esclude ma assorbe in se’ le altre esigenze sopra elencate.*

“Fil-fehma tal-Qorti il-konvenut issodisfa d-dettami tal-artiklu 2160 meta qal li ma jiftakarx jekk id-dejnthallasx u li sa fejn jirrizulta lilu ma jirrizultalux li d-dejn hu dovut.”

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fit-2 ta' Novembru 2004, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza, tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement tikkundana s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1,227.52) u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata, u bl-interessi legali kif mitluba fic-citazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta appellata ressqet risposta ghall-appell hawn fuq imsemmi fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti inkwantu s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti.**

Is-socjeta` attrici appellanti ressqet bazikament zewg aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata. Ta' l-ewwel jikkoncerna l-apprezzament hazin tal-fatti u l-applikazzjoni hazina tal-ligi. Fit-tieni lok l-kumpanija attrici appellanti tissottometti li l-preskrizzjoni mhux applikabbli billi din tammont ghar-rikonoxximent tad-debitu u mhux negazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2160 tal-Kap 16.

**Ikkunsidrat:**

Din l-azzjoni tikkoncerna talba ghall-hlas ta' kreditu li s-socjeta` attrici tirreklama minghand is-socjeta` konvenuta ghall-bejgh ta' 'computer' u 'soft wear' kif ukoll istallazzjoni ta' l-istess. Is-socjeta` konvenuta eccepiet biss il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' diversi artikoli tal-ligi u senjatament l-Artikolu 2148(a), u l-Artiklu 2148(b), li jipprefiggu terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjoni ghall-krediti hemm imsemmija, u l-Artikolu 2149(a) u l-Artikolu 2149(b) li jipprefiggu terminu ta' sentejn. L-ewwel Qorti, wara li skartat, korrettament fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-

applikabilita` ta' l-Artikoli 2148(a) u 2149(b) fuq imsemmija a tenur tal-principju li l-preskrizzjoni ma tistax tinghata *per analogija*,ghaddiet biex cahdet it-talba attrici inkwantu rriteniet li t-transazzjoni ta’ bejn il-kontendenti kellha kemm minn natura ta’ bejgh kemm minn natura ta’ appalt, u fiz-zewg kazi l-azzjoni kienet perenta.

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata b’din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti billi qeghda tirritjeni li n-negozju li kellha mas-socjeta` konvenuta kien wiehed *sui generis*, f'liema kaz ma japplikawx l-preskrizzjonijiet imsemmija mill-kontro-parti u li, anke jekk dan in-negozju kellu jigi kunsidrat bhala bejgh, dan kien bejgh bejn intraprizi kummercjali b’mod li l-azzjoni ghandha tigi dikjarata estinta biss bil-moghdija tal-perjodu preskrittiv ta’ hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kap 16.

**Ikkunsidrat:**

Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, stante li ma kienx hemm qbil bejn il-kontendenti dwar x’tip ta’ negozju kien sehh bejniethom u l-unika eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kienet biss dik ta’ preskrizzjoni, l-obbligu principali tal-Qorti kien li tistabilixxi ezattament taht liema istitut tal-ligi dan in-negozju kien jaqa'.

F’dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghax-xhieda ta’ Mario Mizzi, Direttur Manigenrjali tas-socjeta` attrici,[1] li spjega hekk:-
“L-inkarigu taghna kien jinkludi ukoll mhux biss il-bejgh ta’ l-apparat illi ntlabna u t-tfassil tas-sistema tas-softwear imma anki l-commissioning tas-sistema.”

Aktar il-quddiem fl-istess udjenza l-istess Mario Mizzi kompla jispjega li:
“Fil-kas partikolari l-kumpannija mharrka riedet il-kompjuter kif ghidt [d]iga u dan i[n]biegh lilha ukoll s-sistema illi bih setghet tghaqqad mal-kompjuters illi [d]iga kellha kien jezisti bhala pre package, ma kellhix ghalfejn infasslu dan is-sistema ahna. Jezistu arrangamenti ohrajn

[1] Fol. 23 et sequitur tal-process

pero` mhux f'dan il-kas fejn ahna nittalbu nfasslu s-software ukoll pero` f'dan il-kaz jirigwarda arrangamenti differenti." [Enfazi tal-Qorti].

Minn din ix-xiehda jidher car allura dak li gara bejn il-kontendenti. Is-socjeta` konvenuta kienet tehtieg komputer kif ukoll sistema biex tghaqqad il-komputers kollha taghha biex tiffacilita` t-transazzjonijiet kummercjali taghha. Is-socjeta` attrici ipprovdiet l-komputer kif ukoll is-sistema, kif jinghad bl-ingliz, "off the shelf" u ma kienet inkarigata taghmel xejn aktar ghajr li tistalla din is-sistema a sodisfazjon tal-klijent.

Issa, kif huwa ben risaput, is-sistema ta' l-informatika li tithaddem permezz tal-komputers u s-"softwear" adattat, tirrikjedi gharfien specjalizzat ta' teknologija li mhux dejjem ikun a konoxxenza ta' l-utent ossia x-xerrej. B'dana kollu, ghalkemm is-socjeta` attrici istallat is-sistema, in-negozju ta' bejn il-kontendenti dejjem baqa' strettament wiehed ta' bejgh u xejn aktar billi l-istallazzjoni ossia "commissioning" tas-sistema kienet sekondarja, ghalkemm mehtiega, ghan-negozju principali u bl-ebda mod ma tirrendi tali negozju wiehed *sui generis* jew tali li tista` tigi invokata l-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap. 16.

L-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici appellanti ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti jikkoncerna dak li rriteniet l-ewwel Qorti dwar l-applikabilita` ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata, billi, skond is-socjeta` appellanti, ma gewx sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16.

L-artikolu in kwistjoni jghid li "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx mhallsa.*"

L-ewwel Qorti skartat l-argument tas-socjeta` attrici fis-sens li l-eccepita preskrizzjoni tammonta ghall-ammissjoni tad-dejn billi "*il-preskrizzjoni m'hijiex negazzjoni tal-kreditu izda eccezzjoni li l-azzjoni biex dak il-kreditu jigi kanonizzat ikun skadielha z-zmien biex tigi prezentata. Il-preskrizzjoni hija mezz biex il-kwistjonijiet u l-vertenzi ma jibqghux ghal dejjem.*"

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti. L-artikolu in kwistjoni, cioe` l-Art. 2160(1), f'dan ir-rigward, jikkontempla zewg sitwazzjonijiet sabiex dawk il-preskrizzjonijiet qosra hemm imsemmija, jkun applikabbli, u cioe` jew li l-imharrek jistqar li ma huwiex debitur jew alternattivament li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti fis-sens li s-socjeta` konvenuta, tramite r-rapprezentant taghha, issodisfa r-rekwiziti imsemmija fl-artikolu in kwistjoni u b'hekk l-preskrizzjoni eccepita ghandha jkollha effett.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, u mhux necessarjament dawk kontenuti fis-sentenza appellata, l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------